B 2777

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,564, 26 ta' Diċembru, 2025

Taqsima B

A.L. 297 tal-2025

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(2) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 439.20.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/1262 tat-13 ta' Marzu 2024 li temenda d-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-istabbilimenti u għall-kura u ż-żamma tal-annimali, u fir-rigward tal-metodi tal-qtil tal-annimali.

Jemenda l-Anness III li jinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Anness III li jinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima A tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) l-intestatutra tas-subpartita 2.3 tiegħu għandha tiġi sostitwita bl-instestatura ġdida li ġejja:

"2.3 Ħsejjes u vibrazzjoni";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subpartita 2.3 tiegħu għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Għall-annimali akkwatiċi, it-tagħmir li joħloq ħsejjes jew vibrazzjoni, bħal ġeneraturi tal-elettriku jew sistemi tal-filtrazzjoni ma għandhomx jaffettaw b'mod ħażin it-trattament xieraq tal-annimali.";

(iii) l-intestatura tas-subpartita 2.4 tiegħu għandha tiġi sostitwita bl-intestatura ġdida li ġejja:

"2.4. Sistemi ta' allarm u pjanijiet ta' kontinġenza";

(iv) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subpartita 2.4 tiegħu għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid:

"(d) Għandu jkun hemm fis-seħħ pjanijiet ta' kontinġenza effettivi sabiex jiġu żgurati s-saħħa u l-benesseri tal-annimali fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas fl-elementi essenzjali tas-sistemi tat-trobbija tal-annimali.".

(b) it-Taqsima B tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) minnufih wara l-ewwel paragrafu tal-partita 8 tiegħu għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"Meta jinżammu għasafar meħuda mis-selvaġġ, l-allokazzjonijiet ta' spazju provduti fit-tabelli 8.1 sa 8.10 għandhom japplikaw kull meta l-għasafar jinżammu għal perjodi ta' aktar minn 24 siegħa. Meta l-għasafar jinżammu għal perjodi iqsar, għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun possibbli, ir-riskji għat-trattament xieraq tal-annimali.";

(ii) minnufih wara t-tabella 8.7 tal-partita 8 tiegħu għandhom jiġu miżjuda t-tabelli ġodda li ġejjin:

"Tabella 8.8.
Sturnell

Daqs tal-grupp	Daqs minimu tal-kumpartiment (m^2)	Għoli minimu (cm)	Tul minimu tal-ħawt tal-għalf għal kull għasfur (cm)	Tul minimu tal-perċa għal kull għasfur (cm)
sa 6	2,0	200	5	30
7 sa 12	4,0	200	5	30
13 sa 20	6,0	200	5	30

għal kull għasfur addizzjonali bejn 21 u 50	0.25		5	30
għal kull għasfur addizzjonali meta l-għadd jaqbeż 50	0,15		5	30

Tabella 8.9.
Għasafar tal-Bejt

Daqs tal-grupp fin-nuqqas ta' ostakli viżivi	Daqt tal-grupp fil-preżenza ta' ostakli viżwali	Daqs minimu tal-kumpartiment (m^2)	Għoli minimu (cm)
sa 10	sa 15	2,4	180
11 sa 20	16 sa 35	4,8	180
21 sa 30	36 sa 60	7,3	180
għal kull għasfur addizzjonali meta l-għadd jaqbeż 30	għal kull għasfur addizzjonali meta l-għadd jaqbeż 60	0,11	

Tabella 8.10.
Fjorentin u Primavera

Daqt tal-grupp	Daqs minimu tal-kumpartiment għal kull għasfur (m^2)	Għoli minimu (cm)	Għadd minimu ta' ħwat tal-għalf	Tul minimu tal-perċa għal kull għasfur (cm)
1	3	180	1	100
2-10 (tal-istess sess)	1	180	2	40
1 mara + 1 raġel	2	180	2	100";

(iii) is-subpartita 11.1 tiegħu għandha tiġi sostitwita bis-subpartita ġdida li ġejja:

"11.1. Provvista u kwalità tal-ilma

F'kull ħin għandu jkun hemm provvista

adegwata ta' ilma ta' kwalità adatta. Il-fluss tal-ilma f'sistemi ta' riċirkulazzjoni jew filtrazzjoni f'tankijiet għandu jkun biżżejjed li jiżgura li l-parametri tal-kwalità tal-ilma jinżammu f'livelli aċċettabbli, skont il-karatteristiċi tas-sistema ta' trobbija u skont ir-rekwiżiti tal-ispeċi u tal-istadju tal-ħajja tagħhom. Fejn ikun meħtieġ, il-provvista tal-ilma għandha tiġi ffiltrata jew ittrattata biex jitneħħew is-sustanzi li jagħmlu l-ħsara lill-ħut. Il-parametri tal-kwalità tal-ilma għandhom f'kull ħin jinżammu fil-firxa aċċettabbli li ssostni l-attività normali u l-fiżjoloġija tal-ispeċi u l-istadju tal-iżvilupp partikolari. Il-fluss tal-ilma għandu jkun xieraq li jippermetti lill-ħut jgħumu b'mod naturali u jġibu rwieħhom b'mod normali. Il-ħut għandu jingħata biżżejjed ħin sabiex jikklimatizza u jadatta għal tibdil fil-kondizzjonijiet tal-kwalità tal-ilma. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiġu mminimizzati l-bidliet f'daqqa fil-parametri diversi li jaffettwaw il-kwalità tal-ilma. Il-fluss xieraq tal-ilma u l-livell xieraq tal-ilma għandhom jiġu żgurati u mmonitorjati.";

(iv) is-subpartita 11.2 tiegħu għandha tiġi sostitwita bis-subpartita ġdida li ġejja:

"11.2. Ossiġnu, komposti tan-nitroġenu, diossidu tal-karbonju, pH u salinità

Il-konċentrazzjoni tal-ossiġenu għandha tkun adatta għall-ispeċi u l-kuntest li fihom jinżamm il-ħut. Fejn ikun meħtieġ, għandha tiġi pprovduta arjazzjoni supplimentari lill-ilma tat-tank, skont is-sistema tat-trobbija. Il-konċentrazzjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u tal-komposti tan-nitroġenu, jiġifieri l-ammonijaka, in-nitrit u n-nitrat, għandhom jinżammu taħt il-livelli ta' ħsara. Il-kwalità tal-ilma għandha tiġi mmonitorjata bl-użu ta' skeda tal-ittestjar definita bi frekwenza suffiċjenti sabiex jiġu identifikati bidliet f'dawn il-parametri kritiċi u għandha tittieħed azzjoni sabiex jittaffew tali bidliet.

Il-livell tal-pH għandu jiġi adattat għall-ispeċi u mmonitorjat sabiex jinżamm kemm jista' jkun stabbli. Is-salinità għandha tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-ispeċi tal-ħut u għall-istadju tal-ħajja tal-ħut. Tibdil fis-salinità għandu jsir gradwalment.";

(v) is-subpartita 11.3 tiegħu għandha tiġi sostitwita bis-subpartita ġdida li ġejja:

"11.3. Temperatura u dwal

It-temperatura għandha tinżamm fil-limiti ottimali għall-ispeċi tal-ħut u l-istadji tal-iżvilupp tagħhom u tinżamm kemm jista' jkun stabbli. Tibdil fit-temperatura għandu jsir gradwalment. Il-ħut għandu jingħata perjodi ta' dawl adatti.";

(vi) is-subpartita 11.5 tiegħu għandha tiġi sostitwita bis-subpartita ġdida li ġejja:

"11.5. Għalf u immaniġġjar

Il-ħut għandu jingħalef b'dieta li tgħodd għalih u b'rata u frekwenza adatta. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-għalf tal-ħut larvali waqt kwalunkwe tranżizzjoni minn dieta ħajja għal waħda artifiċjali. Jekk ikun meħtieġ li jitneħħa l-għalf għal raġunijiet mhux proċedurali (eż. it-trasport), it-tul ta' żmien għandu jkun qasir kemm jista' jkun u jqis id-daqs tal-ħut u t-temperatura tal-ilma.

Fejn possibbli, il-ħut għandu jiġi mmaniġġjat mingħajr ma jitneħħa mill-ilma. L-immaniġġjar tal-ħut kemm fl-ilma kif ukoll barra mill-ilma għandu jinżamm għall-minimu u t-tagħmir f'kuntatt dirett mal-ħut għandu jiġi mxarrab. Il-ħut ma għandux jiġi mmaniġjat fil-limiti lil hinn mill-meded tat-temperatura tal-ilma li jistgħu jittolleraw.";

(vii) minnufih wara s-subpartita 11.5 tiegħu, kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"11.6 Għasafar taż-żebra

11.6.1 Kwalità tal-ilma

Tabella 11.1

Rekwiżiti tal-parametri tal-ilma fis-sistemi ta' alloġġ tal-għasafar taż-żebra

Parametri tal-ilma	Rekiżiti minimi-massimi
Temperatura	24-29°C
Konduttività	150-1700 µS/cm^2
Alkalinità totali	40-250 mg/L $CaCO_3$
pH	6,5-8

Komposti tan-Nitroġenu	NH_3/NH_4 +< 0,1 (^{*2}) mg/L, NO_2 - < 0,3 mg/L, NO_3 - < 25 mg/L
Ossiġenu dissolt	> 5 mg/L

11.6.2. Dawl

Matul il-faži tad-dawl, il-livelli tad-dawl għandhom ikunu kostanti, ħlief matul it-tranżizzjonijiet qosra meta jisbaħ u jidlam. Il-faži tad-dlam għandha tkun kompletament mudlama.

11.6.3. Densità tal-istokkjar u kumplessità ambjentali

Ma għandux jintuża volum ta' ilma inqas minn litru tal-għasafar taż-żebra adulti. Id-densitajiet tal-istokkjar ma għandhomx jeċċedu l-10 ħuta adulta f'kull litru. Id-daqs u l-forma tat-tank għandhom jippermettu lill-ħut jesprimu l-imġiba u l-attivitajiet tal-għawm natural tagħhom.

Iż-żamma ta' ħuta waħda fit-tul għandha tiġi evitata.

^{*2} jew taħt il-limitu ta' detezzjoni. 0,1 mg/L jindika l-ammont totali ta' ammonja, NH_3/NH_4^+. Dan jikkorrispondi għal 0,002 mg/L ta' NH_3 fi 28 °C u* pH 7,5.";

(viii) minnufih wara s-subpartita 11.6.3 tiegħu għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"12. Ċefalopodi

12.1. Provvista u kwalità tal-ilma

F'kull ħin għandu jkun hemm provvista adegwata ta' ilma ta' kwalità adatta.

Id-disinn tat-tank u r-rata tal-fluss tal-ilma għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-annimal inkluża ossiġenazzjoni xierqa mogħtija skont id-daqs, l-istadju tal-ħajja u l-ħtiġijiet tal-imġiba tiegħu. It-temperatura tal-ilma, is-salinità, il-pH, u l-livelli tal-komposti tan-nitroġenu għandhom ikunu xierqa għall-ħtiġijiet tal-ispeċi u tal-forom tal-ħajja. Il-ħarbiet u l-introduzzjoni involontarja ta' elementi barranin għandhom jiġu evitati bl-użu ta' għotjien, fejn meħtieġ.

Iċ-ċefalopodi għandhom jingħataw ħin xieraq għall-akklimatizzazzjoni u għall-adattament għal tibdil fil-kondizzjonijiet tal-kwalità tal-ilma.

12.2. Dawl

L-intensità tad-dawl u l-fotoperjodu għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ispeċi.

12.3. Dieta

Iċ-ċefalopodi għandhom jiġu pprovduti b'reġim ta' għalf xieraq għall-ispeċi, l-istadji tal-iżvilupp u l-ħtiġijiet tal-imġiba tagħhom.

12.4. Arrikkiment u mmaniġġjar

Iċ-ċefalopodi għandhom jiġu pprovduti b'ammont xieraq u suffiċjenti ta' stimuli fiżiċi, konjittivi u sensorjali biex jippermettu firxa kbira ta' mġibiet speċifiċi għall-ispeċi. Il-kundizzjonijiet ta' alloġġ għandhom iqisu l-ħtiġijiet soċjali speċifiċi għall-ispeċi (jiġifieri drawwiet ta' għajxien fi grupp jew solitarju tal-ispeċi). Għandhom jiġu pprovduti postijiet ta' kenn kull meta jkun xieraq għall-ispeċi.

Fejn possibbli, iċ-ċefalopodi għandhom jiġu mmaniġġjati mingħajr ma jinħarġu mill-ilma. L-immaniġġjar taċ-ċefalopodi kemm fl-ilma kif ukoll barra mill-ilma għandu jkun mill-inqas u t-tagħmir f'kuntatt dirett mal-annimali għandu jiġi mxarrab.

Tabella 12.1.

Ċefalopodi

Familja	Grupp	Tul tal-ġisem (cm)	Erja minima tal-wiċċ tal-ilma (cm^2)	Erja minima tal-wiċċ tal-ilma għal kull animal addizzjonali miżmum fil-grupp (cm^2)	Fond minimu tal-ilma (cm)
Sepiidae	Siċċ	sa 2	100	40	7
		>2 sa 6	600	200	15
		>6 sa 12	1200	400	20
		>12	2500	1000	25
Sepiolidae	Sepjolidi	sa 1	50	5	5
		>1 sa 3	120	50	8
		>3	150	100	12
Loliginidae	Klamari	sa 15	2000	400	60
		>15 sa 25	4500	900	90
		>25	6000	1200	90
Octopodidae	Qarnit	sa 10	2000	600	40
		>10 sa 20	2600	700	50
		>20	4000	1200	50".

Jemenda l-Anness IV li jinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Anness IV tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-partita 2 tiegħu għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"2. Il-qtil ta' annimali għandu jiġi kkompletat b'wieħed minn dawn l-istanzi li ġejjin:

(a) il-konferma tal-waqfien permanenti taċ-

ċirkulazzjoni;

(b) id-distruzzjoni tal-moħħ;

(ċ) id-diżlokazzjoni tal-għonq;

(d) l-iżvinar; jew

(e) il-konferma tal-bidu tar-*rigor mortis*.

Il-metodi ta' konferma tal-mewt għandhom ikunu xierqa għall-ispeċi li se jiġu maqtula.";

(b) il-partita 3 tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) it-tabella tagħha għandha tiġi sostitwita bit-tabella ġdida li ġejja:

"

"Annimali-rimarki/ metodi	Ħut	Amfibji	Rettili	Għasafar	Rodenti	Fniek	Klieb, qtates, inmsa u volpijiet	Mammiferi kbar	Primati mhux umani	Ċefalopodi
Doża żejda ta' anestetiku	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	
Pistola pnewmatika			(2)							
Diossidu tal-karbonju					(3)					
Żlogatura ċervikali				(4)	(5)	(6)				
Konkussjoni/daqqa perkussiva fuq ir-ras				(7)	(8)	(9)	(10)			
Qtugħ ir-ras				(11)	(12)					
Sturdament b'mezz elettriku	(13)	(13)		(13)		(13)	(13)	(13)		
Gassiji et inerti (Ar, N_2)								(14)		
Sparatura b'tir ta' azzarin, pistola u ammunizzjon xieraq			(15)				(16)	(15)		
Xokk ipotermiku	(17")									

";

(ċ) minnufih wara l-partita 16 tiegħu għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"17. Għandu jintuża biss għall-għasafar taż-żebra (*Danio rerio*) ≥ 16-il jum wara l-fertilizzazzjoni (dpf) u b'tul massimu tal-ġisem ta' 5cm. It-temperatura tax-xokk ipotermiku għandu jkun ta' ≤ 4 °C u d-differenza fit-temperatura mit-temperatura taż-żamma għandha tkun ta' ≥20°C. Il-ħut ma għandux jiġi f'kuntatt dirett mas-silġ. Il-ħin minimu tal-esponiment għandu jkun ta' 5 minuti.".